MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 303/2003

**Mario Abela**

**Vs**

**Joseph Turner**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni mahruga mill-attur fil-5 ta' Gunju, 2003, fejn wara illi ppremetta illi peress illi lejn l-ahhar ta' April 2003, certament wara s-16 ta' April 2003 l-attur gie ghal konoxxenza ta' sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. S. Meli datata 14 ta' Novembru 2002 (avviz numru 487/02SM) fl-ismijiet Joseph Turner vs Mario Abela, kopja nformali taghha annessa u mmarkata bhala Dok. A;

Peress illi l-attur gie ghal konoxxenza ta' din l-istess sentenza stante illi rcieva ittra minghand il-konsulent legali tal-konvenut Joseph Turner datata 16 ta' April, 2003 permezz ta' liema gie nfurmat bis-sentenza in kwistjoni u

kif ukoll gie mitlub ihallas is-sorte ta’ l-istess kawza oltre l-ispejjez, drittijiet u imghax, kopja ta’ l-istess ittra annessa u mmarkata bhala Dok. B;

Peress illi sussegwentement l-attur gie notifikat b’Mandat ta’ Sekwestru ezekuttiv li jgib in-numru 1021/03 fl-ismijiet premessi;

Peress illi wara ndagni li saret fl-atti tal-kawza li jgib numru 487/02 SM, irrizulta illi l-avviz meritu ta’ dik il-kawza gie pprezentat kontra l-attur Mario Abela u l-indirizz indikat fl-avviz kien “Cancu Supreme Travel Garage”, Kastellana Road, Zejtun;

Peress illi mill-istess indagni rrizulta illi sar tentattiv sabiex l-attur Mario Abela jigi notifikat f’dana l-indirizz u xi hadd irrifjuta l-istess att u dana kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat Dok. C;

Peress illi l-indirizz ta’ l-attur Mario Abela mhux dak indikat u cioe’ Cancu Supreme Travel Garage izda huwa Marion House, Triq il-Kastellana, Zejtun u dana kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok. D, liema dokument jikkoncerna l-impjieg ta’ Joseph Turner il-konvenut, liema mpjieg huwa l-meritu ta’ l-Avviz 487/02 SM;

Peress illi l-attur m’ghandux x’jaqsam ma’ l-indirizz indikat bhala tieghu;

Peress illi dina l-Onorabbli Qorti wara li semghet lill-marixxall ta’ dina l-Qorti jixhed li ma kienx hu li mar bin-notifika ta’ l-att imma rriproduca fir-riferta dak li kien nizzel il-postman u peress illi kien hemm indikat illi dana l-att gie ‘refused’ applikat l-artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u pprocediet bis-smiegh tal-kawza;

Peress illi t-tentattiv sabiex jigi notifikat l-attur sar f’indirizz zbaljat;

Peress illi inoltre rrizulta illi ma kienx l-ufficjal ezekuttiv tal-Qrati li ghamel it-tentattiv tan-notifika u ma rrizultax li kien Mario Abela personalment li rrifjuta li jirceviha;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attur odjern – konvenut fil-kawza fl-ismijiet 'Joseph Turner vs Mario Abela' (Avviz Nru. 487/02SM) deciza fl-14 ta' Novembru 2002 – kien gie validament notifikat a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant m'hemmx lok ta' ritrattazzjoni a tenur tal-artikolu 811(b) ta' l-istess Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan kif se jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi fil-meritu, u assolutament bla ebda pregudizzju ghas-suespost, anke kieku din l-Onorabbli Qorti kellha takkolji t-talba attrici ghar-ritrattazzjoni u t-thassir tas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fl-14 ta' Novembru, 2002 fil-kawza fl-ismijiet 'Joseph Turner vs Mario Abela' (Avviz Nru. 487/02SM), din l-Onorabbli Qorti ghandha a tenur ta' l-Artikolu 820 tal-Kap. 12 tisma' l-kawza mill-gdid fil-mertu u terga tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat Mario Abela sabiex ihallas lill-eccipjent s-somma ta' elfejn u tlieta u disghin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm2,093.70) jew somma ohra verjuri kif indikat fl-avviz promotur li permezz tieghu nbdew il-proceduri gudizzjarji li wasslu ghas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-14 ta' Novembru, 2002 fl-ismijiet 'Joseph Turner vs Mario Abela' (Avviz Nru. 487/02SM);
3. Salv ecezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tad-dikjarazzjonijiet kif ukoll il-lista tax-xhieda;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan l-istadju f'kawza ta' ritrattazzjoni, l-Qorti trid tiddeciedi ghandhiex tannulla l-ewwel sentenza u tordna mill-gdid is-smiegh tal-provi. It-talba ta' l-attur hi bbazata fuq in-nuqqas ta' notifika valida fil-kuntest ta' l-Artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 u dana peress illi nonostante li r-riferta tal-pustier giet tindika li l-att tal-Qorti gie *refused,* il-Qorti xorta kompliet bis-smiegh tal-kawza u nghatat sentenza kontra l-attur. F'din il-kawza l-attur qed jargumenta illi l-ewwel Qorti ma setghetx taghmel hekk peress illi l-avviz gie notifikat permezz tal-pustier u mhux tramite xi ufficjal tal-Qorti, fejn allura kien ikollha ragun tissokta bil-kawza.

Ikkunsidrat:

L-artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 fit-tielet paragrafu tieghu jghid, "Izda wkoll meta persuna meta lilha tkun indirizzata skrittura tirrifjuta li tirciviha personalment minghand ufficjal esekuttiv tal-Qrati, l-Qorti tista' fuq rikors tal-parti interessata u wara li tisma' lill-ufficjal esekuttiv tal-Qrati u tikkonsidra c-cirkostanzi kollha ta' l-incident, tiddikjara b'digriet li n-notifika tkun saret lil dik il-persuna fil-jum u l-hin tar-rifjut u tali digriet ghandu jitqies bhala prova tan-notifika ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi."

F'din il-kawza xehed il-marixxall Raymond Pace li l-firma tieghu tidher fuq ir-riferta. Qal illi gharaf il-kitba a fol. 8 tal-process fejn hemm fotokopja tar-riferta, izda qal illi dina ghamilha fuq informazzjoni li kiteb il-pustier fuq l-'envelope' u hu fl-ebda hin ma mar bid-dokument. Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi l-proviso ta' l-Arikolu fuq imsemmi ma giex sodisfatt peress illi minkejja r-rifjut dana ma sarx quddiem ufficjal esekuttiv tal-Qorti izda biss quddiem pustier. Dana mhuwiex bizejjed biex jissodisfa l-kwezit u l-Qorti tkun tista tkompli bil-kawza u tghaddi ghas-sentenza.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi t-termini ta' l-Artikolu 811 (b) tal-Kap. 12 li jawtorizza ritrattazzjoni gew sodisfatti u l-Qorti tista' tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta u tiddeciedi illi l-atti tal-kawza fl-ismijiet Joseph Turner vs Mario Abela (Avviz numru 487/02 SM) deciza fl-14 ta' Novembru, 2002 ma gewx validament notifikati lil Mario Abela l-parti telliefa f'din il-kawza u konsegwentement tordna r-revoka u t-thassir tas-sentenza fuq imsemmija u tordna s-smiegh mill-gdid tal-kawza Joseph Turner vs Mario Abela (Avviz numru 487/02 SM) deciza fl-14 ta' Novembru, 2002.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------